SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

4 ta' Ottubru 2024*

"Appell – Kuntratti pubbliċi għal servizzi – Irregolaritajiet fil-proċedura ta' għoti ta' kuntratti – Regolament (KE) Nru 2988/95 – Artikoli 4, 5 u 7 – Deċiżjoni ta' rkupru tal-ammonti mħallsa indebitament – Noti ta' debitu – Distinzjoni bejn il-miżuri amministrattivi u s-sanzjonijiet amministrattivi – Possibbiltà li tiġi adottata miżura amministrattiva fl-assenza ta' leġiżlazzjoni settorjali – Deċiżjoni ta' rkupru bbażata fuq ir-Regolament Nru 2988/95 u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 – Regolament Nru 1605/2002 – Artikolu 103 – Possibbiltà ta' rkupru mingħand l-amministratur tal-operatur ekonomiku benefiċjarju ta' fondi tal-Unjoni Ewropea"

Fil-Kawża C-721/22 P,

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fl-24 ta' Novembru 2022,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata inizjalment minn B. Araujo Arce, J. Baquero Cruz u J. Estrada de Solà, bħala aġenti, sussegwentement minn J. Baquero Cruz u J. Estrada de Solà, bħala aġenti,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

PB, irrappreżentat minn L. Levi, avukata,

rikorrent fl-ewwel istanza,

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

intervenjent fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Jürimäe, Presidenta tal-Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qed jaġixxi bħala Mħallef tat-Tielet Awla, N. Piçarra, N. Jääskinen u M. Gavalec (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Settembru 2022, PB vs Il-Kummissjoni (T-775/20, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2022:542), li permezz tagħha din annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 7151 final tat-22 ta' Ottubru 2020 dwar l-applikazzjoni ta' miżura amministrattiva kontra l-amministratur tal-kumpannija [Kunfidenzjali], intiża biex jittieħdu lura mingħandu l-ammonti mħallsa indebitament abbażi tal-kuntratti TACIS/2006/101-510 u CARDS/2008/166-429 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (KE) Nru 2988/95

2 It-tielet, ir-raba' u l-ħames premessi tar-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340) jiddikjaraw:

"billi atti li huma ta' ħsara għall-interessi finanzjarji tal-[Komunitajiet Ewropej] għandhom […] jiġu ribattuti [miġġielda] fl-oqsma kollha;

Billi l-effikaċja tal-ġlieda kontra l-frodi kontra l-interessi finanzjarji tal-Komunità titlob li jiġu promulgati sett ta' regoli legali komuni għall-oqsma kollha koperti mill-politika tal-Komunità;

Billi mġiba mhux regolari, u l-miżuri u penalitajiet relatati, hemm provdut dwarhom f'regoli settorjali skont dan ir-Regolament".

3 Skont l-Artikolu 1(2) ta' dan ir-regolament:

"'Irregolarità' għandha tfisser kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Komunità li jirriżulta minn att jew nuqqas ta' operatur ekonomiku, li għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-budget ġenerali tal-Komunità jew il-budget mmexxi minnhom, jew billi jnaqqas jew jitlef id-dħul li jakkumula minn riżorsi tagħhom stess miġbura direttament għan-nom tal-Komunità, jew permezz ta' nefqa mhux ġustifikata".

4 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"1. Il-verifiki amministrattivi, il-miżuri u l-penali għandhom jiġu introdotti sakemm ikunu neċessarji biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tal-liġi tal-Komunità. Dawn għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi sabiex jipprovdu protezzjoni adekwata għall-interessi finanzjarji tal-Komunità.

2. Ebda penali amministrattiva ma tista' tiġi imposta ħlief jekk att tal-Komunità qabel l-irregolarità jkun ipprovda għaliha. Fil-każ ta' emenda sussegwenti tad-dispożizzjonijiet li jimponu penali amministrattivi u li jinsabu fir-regoli tal-Komunità, id-dispożizzjonijiet l-anqas ħorox għandhom japplikaw b'mod retroattiv.

[…]"

5 It-Titolu II tar-Regolament Nru 2988/95, intitolat "Il-miżuri amministrattivi u l-penali", jinkludi l-Artikoli 4 sa 7 ta' dan ir-regolament.

6 L-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament huwa fformulat kif ġej:

"1. Bħala regola ġenerali, kull irregolarità għandha tinvolvi l-irtirar tal-vantaġġ miksub b'mod skorrett:

– permezz ta' obbligu li min ikun iħallas jew iħallas lura l-ammonti dovuti jew aċċettati b'mod skorrett,

– bit-telf sħiħ jew parzjali tal-garanzija provduta in sostenn tat-talba għall-vantaġġ li jkun ingħata jew fil-ħin ta' l-aċċettazzjoni ta' ħlas antiċipat.

2. L-applikazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun limitata għall-irtirar tal-vantaġġ miksub kif ukoll, fejn ikun hemm hekk provdut, l-imgħax li jista' jiġi stabbilit abbażi ta' rata fissa.

3. L-atti li jiġi stabbilit li biex jkollhom bħala l-għan tagħhom il-kisba ta' vantaġġ li jmur kontra l-għanijiet tal-liġi tal-Komunità applikabbli fil-każ billi joħolqu artifiċjalment il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jinkiseb dak il-vantaġġ għandhom jirriżultaw, skond kif ikun il-każ, jew fiż-żamma milli jinkiseb dak il-vantaġġ jew fl-irtirar tiegħu.

4. Il-miżuri kif hemm provdut f'dan l-Artikolu m'għandhomx jitqiesu bħala penali."

7 L-Artikolu 5 tal-istess regolament jipprevedi:

"1. L-irregolaritajiet intenzjonati jew dawk kawżati minn negliġenza jistgħu jwasslu għal dawn il-penali amministrattivi:

[…]

(ċ) it-tneħħija totali jew parzjali ta' vantaġġ mogħti mir-regoli tal-Komunità, anke jekk l-operatur ikun ibbenefika bla jedd minn parti biss minn dak il-vantaġġ;

[…]

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stipulati fir-regoli settorjali eżistenti fil-ħin tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, irregolaritajiet oħra jistgħu jagħtu lok biss għal dawk il-penali li m'humiex ekwivalenti għal penali kriminali li hemm provdut dwarhom fil-paragrafu 1, sakemm dawk il-penali jkunu essenzjali biex jiżguraw l-applikazzjoni tajba tar-regoli."

8 Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95:

"Il-miżuri amministrattivi tal-Komunità u l-penali jistgħu jiġu applikati għall-operaturi ekonomiċi li għalihom issir riferenza f'Artikolu 1, jiġifieri l-persuni naturali jew legali jew l-entitajiet l-oħra li l-liġi nazzjonali tagħtihom kapaċità legali u li jkunu kkommettew l-irregolarità. Jistgħu japplikaw ukoll għal persuni li jkunu ħadu sehem fl-irregolarità jew li huma fid-dover li jieħdu r-responsabbiltà għall-irregolarità jew li jiżguraw li din ma ssirx."

Ir-Regolament Nru 99/2000

9 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 99/2000 tad-29 ta' Diċembru 1999 dwar l-għoti ta' għajnuna lill-Istati sieħba fl-Ewropa tal-Lvant u ta' l-Asja Ċentrali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 33, p. 107), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2112/2005 tal-21 ta' Novembru 2005 (ĠU 2005, L 344, p. 23), kien introduċa l-programm TACIS intiż li jiffavorixxi t-tranżizzjoni lejn ekonomija tas-suq u biex isaħħaħ id-demokrazija u l-Istat tad-dritt fl-Istati msieħba tal-Ewropa tal-Lvant u tal-Asja Ċentrali.

Ir-Regolament Nru 2666/2000

10 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar l-assistenza għall-Albanija, il-Bosnja u l-Ħerzegovina, il-Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u dik li qabel kienet ir-Repubblika Yugoslava tal-Maċedonja, li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1628/96 u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 3906/89 u (KEE) Nru 1360/90 u d-Deċiżjonijiet 97/256/KE u 1999/311/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 34, p. 301), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2257/2004 tal-20 ta' Diċembru 2004 (ĠU 2006, L 153M, p. 403), kien jipprevedi, b'mod partikolari, permezz tal-programm CARDS, il-provvista ta' għajnuna Komunitarja għar-rikostruzzjoni, l-iżvilupp u l-istabbilizzazzjoni fil-pajjiżi tax-Xlokk tal-Ewropa bil-għan tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' adeżjoni mal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament Finanzjarju 2002

11 L-Artikolu 103 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Finanzjarju tal-2002"), kien jipprovdi:

"Meta l-proċedura ta' għoti jew ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt ikunu vvizzjati, jew bi żbalji jew b'irregolaritajiet sostanzjali, jew bi frodi, l-istituzzjonijiet għandhom jissospendu l-eżekuzzjoni tal-imsemmi kuntratt.

Jekk dawn l-iżbalji, irregolaritajiet jew frodi jkunu attribwibbli lill-kuntrattur, l-istituzzjonijiet jistgħu, barra minn hekk, jirrifjutaw li jwettqu l-ħlas jew jistgħu jirkupraw l-ammonti diġà mħallsa, fi proporzjon mal-gravità tal-imsemmija żbalji, irregolaritajiet jew frodi. " [traduzzjoni mhux uffiċjali]

12 Skont l-Artikolu 103 tar-Regolament Nru 1605/2002 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 (ĠU 2006, L 390, p. 1, u r-Rettifika fil-ĠU 2008, L 48, p. 88, iktar 'il quddiem ir-Regolament Finanzjarju tal-2002 fil-verżjoni tiegħu tal-2006"):

"Meta l-proċedura ta' għoti tkun soġġetta għal żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi, l-istituzzjonijiet għandhom jissospendu l-proċedura u jistgħu jieħdu kwalunkwe miżuri meħtieġa, inkluża l-kanċellazzjoni tal-proċedura.

Meta, wara l-għoti tal-kuntratt, il-proċedura ta' għoti jew it-twettiq tal-kuntratt tkun soġġetta għal żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi, l-istituzzjonijiet jistgħu, skond l-istadju li jkun intlaħaq fil-proċedura, jibqgħu lura milli jikkonkludu l-kuntratt jew jissospendu t-twettiq tal-kuntratt jew, fejn xieraq, jitterminaw il-kuntratt.

Meta tali żbalji, irregolaritajiet jew frodi huma attribwibbli għall-kuntrattur, l-istituzzjonijiet jistgħu wkoll jirrifjutaw li jagħmlu ħlasijiet, jistgħu jirkupraw ammonti diġà mħallsa jew jistgħu jitterminaw il-kuntratti kollha konklużi ma' dan il-kuntrattur, fi proporzjon mas-serjetà ta' l-iżbalji, irregolaritajiet jew frodi."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

13 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 2 sa 33 tas-sentenza appellata. Għall-ħtiġijiet ta' dan l-appell, huma jistgħu jiġu esposti fil-qosor kif ġej.

14 L-Unjoni tat żewġ kuntratti pubbliċi lil konsorzju u, sussegwentement, ikkonkludiet żewġ kuntratti mal-kumpannija koordinatriċi ta' dan il-konsorzju (iktar 'il quddiem il-"kumpannija koordinatriċi"), rispettivament matul is-sena 2006 u s-sena 2008. L-ewwel kuntratt, ta' valur massimu ta' EUR 4 410 000, kien jirrigwarda l-provvista ta' assistenza teknika lill-awtoritajiet Ukraini bil-għan tal-approssimazzjoni tad-dritt Ukrain mad-dritt tal-Unjoni. It-tieni kuntratt, ta' valur massimu ta' EUR 1 999 125, kien jikkonsisti fil-provvista tas-servizzi ta' assistenza teknika lill-Kunsill Ġudizzjarju Għoli fis-Serbja.

15 Wara li saru denunzji anonomi li kienu jirrigwardaw lill-kumpannija koordinatriċi, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) investiga u kkonkluda, f'żewġ rapporti, li kienu jeżistu irregolaritajiet gravi u possibbiltà ta' fatti ta' korruzzjoni f'kull wieħed miż-żewġ kuntratti pubbliċi.

16 Fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti tal-OLAF, il-Kummissjoni adottat, fil-15 ta' Ottubru 2019, żewġ deċiżjonijiet li permezz tagħhom hija akkużat lill-kumpannija koordinatriċi bi twettiq ta' irregolaritajiet sostanzjali, fis-sens tal-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju tal-2002, matul il-proċeduri ta' għoti taż-żewġ kuntratti inkwistjoni. Dawn l-irregolaritajiet dehrulha gravi biżżejjed biex il-ħlasijiet kollha mwettqa jitqiesu li tħallsu indebitament u li kellhom jiġu rkuprati.

17 Dawn iż-żewġ deċiżjonijiet ġew ikkontestati mill-kumpannija koordinatriċi quddiem il-Qorti Ġenerali. Permezz tas-sentenzi tagħha tal-21 ta' Diċembru 2021, HB vs Il-Kummissjoni (T-795/19, EU:T:2021:917), u tal-21 ta' Diċembru 2021, HB vs Il-Kummissjoni (T-796/19, EU:T:2021:918), il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn iż-żewġ rikorsi ppreżentati minn din il-kumpannija minħabba li kienu inammissibbli, inkwantu kienu intiżi għall-annullament tal-imsemmija deċiżjonijiet ta' rkupru, u infondati, inkwantu kienu jitolbu l-konstatazzjoni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Dawn is-sentenzi, li ġew appellati, ġew annullati permezz tas-sentenza tal-lum, Il-Kummissjoni vs HB, C-160/22 P u C-161/22 P.

18 Fit-13 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni informat lil PB, li huwa l-amministratratur tal-kumpannija koordinatriċi, li hija kellha l-intenzjoni li tadotta miżuri amministrattivi fil-konfront tiegħu, hekk kif previst fl-Artikoli 4 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95. Fil-fehma tagħha, ir-responsabbiltà personali ta' PB setgħet tirriżulta fil-mument li dan kien ipparteċipa, fil-kapaċità tiegħu bħala amministratur, għat-twettiq tal-irregolaritajiet meta ngħataw iż-żewġ kuntratti inkwistjoni. Dan premess, bħala amministratur tal-kumpannija koordinatriċi, PB missu ħa ħsieb li tali irregolaritajiet ma jitwettqux.

19 Fit-22 ta' Ottubru 2020, il-Kumissjoni adottat id-deċiżjoni kontenzjuża fuq il-bażi tal-Artikoli 4 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95 u, essenzjalment, tal-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju tal-2002. Din id-deċiżjoni kienet tiddikjara lil PB responsabbli *in solidum* mal-kumpannija koordinatriċi tal-ħlas tal-ammonti ta' EUR 4 241 507 b'rabta mal-ewwel kuntratt imsemmi fil-punt 14 ta' din is-sentenza u ta' EUR 797 230.86 b'rabta mat-tieni kuntratt imsemmi f'dan l-istess punt.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

20 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' Diċembru 2020, PB adixxa lill-Qorti Ġenerali b'rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, għall-kundanna tal-Unjoni għar-rimbors tal-ammonti kollha li possibbilment ġew irkuprati mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' din id-deċiżjoni, flimkien mal-interessi moratorji bir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) miżjuda b'7 punti perċentwali, għall-ħlas ta' EUR 10 000 bħala danni, salv dispożizzjonijiet ulterjuri, kif ukoll għall-ispejjeż kollha.

21 Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha għall-eżami tat-tielet motiv ta' PB invokat insostenn tat-talbiet għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, ibbażatu fuq assenza ta' bażi legali ta' din id-deċiżjoni, kif ukoll fuq ksur tal-prinċipju ta' *nulla poena sine lege* u tal-prinċipju tal-applikazzjoni tal-liġi kriminali iktar favorevoli. Essenzjalment, fil-punti 55, 63 u 64 tas-sentenza appellata, hija siltet mis-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2010, SGS Belgium *et* (C-367/09, EU:C:2010:648, punti 52 sa 56) li l-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95, li jippermettu li jiġu adottati miżuri sanzjonijiet amministrattivi, huma neqsin minn effett dirett, barra mill-kamp tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) u minn oqsma oħra li jsegwu regoli ekwivalenti bħall-Politika Kummerċjali Komuni. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali qieset li l-adozzjoni ta' miżuri u ta' sanzjonijiet amministrattivi kontra l-awturi ta' irregolaritajiet tippresupponi l-istabbiliment ta' leġiżlazzjonijiet settorjali speċifiċi konformi ma' dan ir-regolament u li fuqhom dawn il-miżuri u dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu bbażati. Għaldaqstant l-imsemmija miżuri u sanzjonijiet ma jistgħux jistrieħu sempliċement fuq ir-Regolament Nru 2988/95.

22 Barra minn hekk, fil-punti 66 u 67 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li la l-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament u lanqas it-tieni paragrafu tal-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju tal-2002 ma jawtorizzaw lill-Kummissjoni titlob ir-rimbors tal-ammonti rċevuti indebitament minn persuni jew entitajiet oħra minbarra l-benefiċjarju tagħhom. Hija osservat ukoll li l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95 ma jipprovdix preċiżazzjonijiet fir-rigward tal-kategorija ta' atturi li għanhom ikunu suġġetti għal miżura amministrattiva f'tali każ.

23 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 70 tas-sentenza appellata, li d-deċiżjoni kontenzjuża kienet nieqsa minn bażi legali. Peress li laqgħet it-tielet motiv tar-rikors għal annullament ta' din id-deċiżjoni fil-punt 71 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali annullat l-imsemmija deċiżjoni u, sussegwentement, ma qisitx li kien neċessarju li jiġu eżaminati d-disa' motivi l-oħra mqajma minn PB.

24 Fl-aħħar nett, fil-punt 91 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet fuq il-mertu t-talbiet ta' PB għal kumpens filwaqt li kkunsidrat, fil-punt 80 ta' din is-sentenza, li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni minn qabel dwar l-ammissibbiltà tagħhom. Hija qieset, b'mod partikolari, fil-punt 89 tal-imsemmija sentenza, li PB ma kienx ipproduċa l-prova tal-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir tal-Kummissjoni li allegatament jikkostitwixxi ksur u d-dannu invokat.

It-talbiet tal-partijiet fl-appell

25 Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla l-ewwel u t-tielet punti tad-dispożittiv tas-sentenza appellata;

– tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi fuq il-mertu fir-rigward tar-rikors għal annullament, u

– tikkundanna lil PB għall-ispejjeż.

26 PB jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

– tiċħad l-appell u

– tikkundanna lill-Kummissjoni ssostni l-ispejjeż kollha.

Fuq l-appell

27 Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tinvoka aggravju uniku li huwa indirizzat kontra l-ewwel punt tad-dispożittiv tas-sentenza appellata.

L-argumenti tal-partijiet

28 Insostenn tal-uniku aggravju tagħha, il-Kummissjoni tikkontesta, fl-ewwel lok, ir-raġunament adottat mill-Qorti Ġenerali fil-punti 51 sa 64 tas-sentenza appellata, sa fejn dan wassalha tikkunsidra, fil-punt 65 ta' din is-sentenza, li r-Regolament Nru 2988/95 ma setax jikkostitwixxi, waħdu, il-bażi legali rilevanti biex jiġu adottati miżuri amministrattivi intiżi għall-irkupru tal-ammonti rċevuti indebitament. Billi ddeċidiet b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali marret kontra l-Artikoli 4 u 7 ta' dan ir-regolament li jikkostitwixxu bażi awtonoma u suffiċjentement preċiża sabiex jiġu adottati tali miżuri ma għandhomx natura ta' sanzjoni.

29 Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punt 51 tal-imsemmija sentenza, li jikkostitwixxi l-bażi għar-raġunament tagħha, billi mill-ħames premessa tal-imsemmi regolament iddeduċiet li l-leġiżlatur tal-Unjoni jissuġġetta l-impożizzjoni ta' miżuri amministrattivi u ta' sanzjonijiet fuq

l-awturi ta' irregolaritajiet għall-istabbiliment ta' leġiżlazzjonijiet settorjali speċifiċi. Madankollu, din il-premessa ma timponix neċessarjament li wieħed għandu jibbaża ruħu fuq leġiżlazzjoni settorjali u lanqas ma teskludi li r-Regolament Nru 2988/95 jista' jkollu effett awtonomu.

30 Il-Kummissjoni tosserva wkoll li, fil-punti 51 sa 57 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet, mis-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2010, SGS Belgium *et* (C-367/09, EU:C:2010:648), li dan ir-regolament kien regolament qafas li jeħtieġ leġiżlazzjoni settorjali għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet u biex jiġu identifikati l-kategoriji ta' persuni milquta minn dawn is-sanzjonijiet. Madankollu din l-interpretazzjoni hija valida biss għas-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament, li għalihom japplika l-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* ddikjarat fl-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 2(2) tal-istess regolament. Skont il-Kummissjoni, il-fatt li tali interpretazzjoni testendi għall-miżuri amministrattivi, li huma intiżi li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u li ma jikkostitwixxux sanzjonijiet, iċaħħad lir-Regolament Nru 2988/95 mill-effett utli u min-natura vinkolanti tiegħu.

31 Barra minn hekk, filwaqt li leġiżlazzjonijiet settorjali huma intiżi li japplikaw bħala *lex specialis*, fl-assenza tagħhom, ir-Regolament Nru 2988/95 jipproduċi effett legali individwali u awtonomu. B'żieda ma' dan, fis-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2010, SGS Belgium *et* (C-367/09, EU:C:2010:648, punti 32 sa 34), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-dispożizzjonijiet ta' regolament, bħala regola ġenerali, għandhom effett immedjat fl-ordinament ġuridiku nazzjonali, minkejja li dan ikun biss b'mod eċċezzjonali, għal "uħud mid-dispożizzjonijiet ta' regolament", bħal, fir-Regolament Nru 2988/95, id-dispożizzjonijiet dwar sanzjonijiet, li għalihom ikunu neċessarji miżuri ta' applikazzjoni.

32 F'din il-perspettiva, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, Chambre de commerce et d'industrie de l'Indre (C-465/10, EU:C:2011:867) u tat-18 ta' Diċembru 2014, Somvao (C-599/13, EU:C:2014:2462), li għalihom tagħmel riferiment il-Qorti Ġenerali fil-punti 59 u 60 tas-sentenza appellata, jillimitaw lilhom infushom għall-konstatazzjoni li, meta teżisti leġiżlazzjoni settorjali li tirregola l-irkupru ta' ammonti dovuti, din għandha tapplika bħala *lex specialis*, minflok il-*lex generalis* li jikkostitwixxi r-Regolament Nru 2988/95. Fi kwalunkwe każ, peress li, fil-kawżi li taw lok għal dawn iż-żewġ sentenzi, kienet teżisti leġiżlazzjoni settorjali, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kellhiex teżamina l-kwistjoni dwar jekk din il-leġiżlazzjoni setgħetx tikkostitwixxi bażi awtonoma għall-irkupru, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni settorjali.

33 Għaldaqstant, kemm il-Qorti Ġenerali kif ukoll il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxew espressament, numru ta' drabi, l-applikazzjoni diretta u awtonoma tal-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament biex jiġu rkuprati tali ammonti, b'mod partikolari fis-sentenzi tal-15 ta' April 2011, IPK International vs Il-Kummissjoni (T-297/05, EU:T:2011:185, punt 117), tat-13 ta' Diċembru 2012, FranceAgriMer (C-670/11, EU:C:2012:807, punt 72), kif ukoll tad-9 ta' Lulju 2015, Cimmino *et* (C-607/13, EU:C:2015:448, punt 76). Din il-ġurisprudenza għandha portata ġenerali u għaldaqstant ma tistax, kuntrarjament għal dak li sostniet il-Qorti Ġenerali fil-punti 62 sa 64 tas-sentenza appellata, tiġi limitata għall-PAK u għall-Politika Kummerċjali Komuni.

34 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni tikkontesta r-raġunament magħmul fil-punti 67 u 69 tas-sentenza appellata sa fejn fiha l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju tal-2002, inkwantu leġiżlazzjoni settorjali, kien jippermetti li jsir irkupru biss mingħand il-kuntrattur u mhux mingħand terzi, bħalma huwa l-amministratur tal-kumpannija koordinatriċi.

35 Mill-punt 67 ta' dik is-sentenza jirriżulta li l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95 ma jippreċiżax il-kategorija ta' atturi li għandhom ikunu s-suġġett ta' miżura amministrattiva. Barra minn hekk, fil-punt 69 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali qieset li l-applikazzjoni konġunta tal-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju tal-2002 kif ukoll tal-Artikoli 4 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95 ma kinitx tippermetti l-adozzjoni ta' miżura amministrattiva kontra PB ġaladarba dan ma kienx il-benefiċjarju dirett tal-pagamenti inkwistjoni.

36 Dan premess, skont il-Kummissjoni, mill-Artikolu 322(1)(a) TFUE jirriżulta li regolament li, bħar-Regolament Finanzjarju tal-2002 jistabbilixxi r-regoli finanzjarji li b'mod partikolari jiffissaw il-modalitajiet dwar l-istabbiliment u l-eżekuzzjoni tal-baġit huwa leġiżlazzjoni ġenerali li tirrigwarda l-eżekuzzjoni tal-baġit u mhux leġiżlazzjoni settorjali. Barra minn hekk ir-Regolament Finanzjarju tal-2002 u r-Regolament Nru 2988/95 għandhom jitqiesu bħala żewġ leġiżlazzjonijiet ġenerali komplimentari u mhux rispettivament bħala *lex generalis* u *lex specialis*. F'dan is-sens, huwa possibbli, u ta' spiss saħansitra neċessarju, li dawn iż-żewġ regolamenti jiġu applikati konġuntament.

37 F'dan il-każ, il-leġiżlazzjonijiet settorjali rilevanti huma, għall-kuntratt pubbliku dwar l-Ukraina, ir-Regolament Nru 99/2000, kif emendat bir-Regolament Nru 2112/2005, u, għall-kuntratt pubbliku dwar is-Serbja, ir-Regolament Nru 2666/2000, kif emendat bir-Regolament Nru 2257/2004.

38 Barra minn hekk, billi ddeċidiet, fil-punt 67 tas-sentenza appellata, li l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95 "ma jipprovdix preċiżazzjonijiet fir-rigward tal-kategorija ta' atturi li għandhom ikunu suġġetti għal miżura amministrattiva" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Qorti Ġenerali marret kontra t-tieni sentenza ta' dan l-artikolu li jgħid li miżuri amministrattivi "[j]istgħu japplikaw ukoll għal persuni li jkunu ħadu sehem fl-irregolarità jew li huma fid-dover li jieħdu r-responsabbiltà għall-irregolarità jew li jiżguraw li din ma ssirx". F'dan il-każ, fil-kapaċità tiegħu bħala amministratur tal-kumpannija koordinatriċi, PB jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

39 Min-naħa tiegħu, PB jikkonfuta, fl-ewwel lok, l-argument tal-Kummissjoni, billi jenfasizza li l-Qorti Ġenerali ma sostnietx li l-ħames premessa ta' dan ir-regolament tista' tieħu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament. Barra minn hekk, l-argument tal-Kummissjoni li permezz tiegħu hija tikkontesta l-klassifikazzjoni tal-imsemmi regolament bħala "regolament qafas" mill-Qorti Ġenerali hija ineffettiva ġaladarba l-klassifikazzjoni bħala "leġiżlazzjoni ġenerali", issuġġerita mill-Kummissjoni, hija ekwivalenti.

40 Ulterjorment, PB isostni li l-Kummissjoni ma għandhiex raġun billi tikkontesta kemm it-traspożizzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tal-ġurisprudenza dwar is-sanzjonijiet amministrattivi għall-miżuri amministrattivi kif ukoll il-fatt li kkunsidrat li l-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament ma jistax jikkostitwixxi, waħdu, il-bażi legali rilevanti ta' miżuri amministrattivi intiżi għall-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament. Fil-fatt, ebda waħda mit-tliet sentenzi msemmija mill-Kummissjoni ma hija rilevanti peress li kemm is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2000, EmslandStärke (C-110/99, EU:C:2000:695, punti 56 u 57) kif ukoll is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2012, FranceAgriMer (C-670/11, EU:C:2012:807, punt 72) u tad-9 ta' Lulju 2015, Cimmino *et* (C-607/13, EU:C:2015:448, punt 76) jaqgħu taħt il-PAK. Dan premess, il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet, ġustament, li, fil-kuntest ta' din il-politika, is-sistema tas-sanzjonijiet u tal-miżuri amministrattivi kienet ġiet stabbilita qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 2988/95.

41 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà enfasizzat, b'mod partikolari fil-punt 37 tas-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, Somvao (C-599/13, EU:C:2014:2462), li dan ir-regolament jieħu ħsieb jistabbilixxi regoli ġenerali ta' kontroll u ta' sanzjonijiet li ma jistgħux jikkostitwixxu bażi legali suffiċjenti għal irkupru ta' fondi li kienu ntużaw ħażin. Skont PB, din il-ġurisprudenza hija rilevanti biex tiġi ssostanzjata l-affermazzjoni, magħmula fil-punt 58 tas-sentenza appellata, li ma hemmx differenzi sinjifikattivi fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja bejn l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi u dik tal-miżuri amministrattivi previsti mill-imsemmi regolament.

42 PB jistaqsi, barra minn hekk, dwar in-natura operattiva tal-argument tal-Kummissjoni ġaladarba din tikkontesta biss il-fatt li d-deċiżjoni kontenzjuża tistrieħ fuq żewġ bażijiet legali. Dan premess, li kieku l-Kummissjoni qieset li r-Regolament Nru 2988/95 kien jikkostitwixxi bażi legali għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, hija ma kinitx tibbażaha wkoll fuq l-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju tal-2002.

43 Fl-aħħar nett, PB jqis li ma tagħmilx differenza jekk ir-Regolament Finanzjarju tal-2002 jiġix ikklassifikat bħala "leġiżlazzjoni settorjali" jew bħala "leġiżlazzjoni ġenerali". Fil-fatt, mis-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, Somvao (C-599/13, EU:C:2014:2462) jirriżulta wkoll li dan ir-regolament finanzjarju seta' jservi bħala bażi għal miżura li tnaqqas l-ammont ta' għajnuna mogħtija taħt il-Fond Ewropew għar-Refuġjati. Il-Qorti Ġenerali sempliċement ikkonformat ruħha ma' din is-sentenza, billi eżaminat, fil-punti 65 u 66 tas-sentenza appellata, jekk l-imsemmi regolament finanzjarju kienx jawtorizza lill-Kummissjoni tadotta d-deċiżjoni kontenzjuża.

44 Fit-tieni lok, PB jikkontesta l-argument tal-Kummissjoni indirizzat kontra l-punti 67 u 69 tas-sentenza appellata u jsostni, minn naħa, li t-tieni sentenza tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95 hija dispożizzjoni purament fakultattiva li għandha, sabiex tkun tista' tiġi applikata, li tiġi ppreċiżata minn att tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, PB isostni li miżura amministrattiva tista' tiġi applikata biss sa fejn din tippermetti li jitneħħa vantaġġ miksub indebitament. Għaldaqstant tali tneħħija ma tistax tiġi ordnata fir-rigward ta' persuna li, bħal PB, ma bbenefikatx minn dan il-vantaġġ.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

45 Insostenn tal-uniku aggravju tagħha, il-Kummissjoni tikkontesta, fl-ewwel lok, ir-raġunament adottat mill-Qorti Ġenerali fil-punti 51 sa 64 tas-sentenza appellata, sa fejn dan wassalha tikkunsidra, fil-punt 65 ta' din is-sentenza, li r-Regolament Nru 2988/95 ma setax jikkostitwixxi, waħdu, il-bażi legali rilevanti biex jiġu adottati miżuri amministrattivi intiżi għall-irkupru tal-ammonti rċevuti indebitament.

46 Hekk kif iddeċiediet numru ta' drabi l-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-PAK u tal-Politika Kummerċjali Komuni, l-obbligu ta' restituzzjoni ta' vantaġġ miksub indebitament minn prattika irregolari ma jikkostitwixxix sanzjoni li għaliha hija neċessarja bażi legali ċara u mhux ambigwa, distinta mir-Regolament Nru 2988/95, iżda huwa s-sempliċi konsegwenza tal-konstatazzjoni li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba tal-vantaġġ li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni nħolqu artifiċjalment, b'tali mod li l-vantaġġ miksub ikun ta' natura indebita u, għalhekk, li l-obbligu li dan jiġi rrestitwit ikun iġġustifikat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2000, Emsland-Stärke, C-110/99, EU:C:2000:695, punt 56; tal-4 ta' Ġunju 2009, Pometon, C-158/08, EU:C:2009:349, punt 28; tat-13 ta' Diċembru 2012, FranceAgriMer, C-670/11, EU:C:2012:807,

punt 65; tas-17 ta' Settembru 2014, Cruz & Companhia, C-341/13, EU:C:2014:2230, punt 45, kif ukoll tad-29 ta' Frar 2024, Eesti Vabariik (Põllumajanduse Registrite ja Informatsiooni Amet), C-437/22, EU:C:2024:176, punt 57).

47 Għaldaqstant, f'ċirkustanzi fejn l-irregolaritajiet ikkonstatati għandhom bħala konsegwenza li l-kuntratti li bis-saħħa tagħhom kellu jingħata finanzjament Ewropew lil operatur ekonomiku ma setgħux jitqiesu li ġew validament konklużi għall-finijiet tal-kisba tal-finanzjament inkwistjoni, jeħtieġ li tiġi applikata miżura amministrattiva, fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 2988/95, li tikkonsisti fil-ħtieġa tar-rimbors tal-fondi rċevuti indebitament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2012, FranceAgriMer, C-670/11, EU:C:2012:807, punt 67).

48 B'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat li miżura amministrattiva li tikkostitwixxi fl-irkupru mingħand operatur tal-vantaġġ li minnu kien ibbenefika indebitament tista' tiġi adottata fuq is-sempliċi bażi tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 2988/95.

49 Fil-fatt, billi jipprovdi li "[l]-atti li jiġi stabbilit li biex jkollhom bħala l-għan tagħhom il-kisba ta' vantaġġ li jmur kontra l-għanijiet tal-liġi tal-[Unjoni] applikabbli fil-każ billi joħolqu artifiċjalment il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jinkiseb dak il-vantaġġ għandhom jirriżultaw, skond kif ikun il-każ, jew fiż-żamma milli jinkiseb dak il-vantaġġ jew fl-irtirar tiegħu", l-Artikolu 4(3) ta' dan ir-regolament huwa direttament applikabbli fl-elementi kollha tiegħu, inkluż, konsegwentement, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni li tikkonkretizzah.

50 Għalhekk, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 62 sa 64 tas-sentenza appellata, il-ġurisprudenza msemmija fil-punti 46 u 47 ta' din is-sentenza tista' tiġi trasposta għal sitwazzjoni li fiha kuntratti pubbliċi jiġu ffinanzjati minn fondi mogħtija mill-Unjoni taħt il-programmi CARDS u TACIS. F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Unjoni għandha l-intenzjoni tiffinanzja, permezz tal-fondi tagħha, biss azzjonijiet imwettqa b'konformità sħiħa, b'mod partikolari, mal-prinċipji u r-regoli ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Lulju 2016, Wrocław – Miasto na prawach powiatu, C-406/14, EU:C:2016:562, punt 43, u tat-8 ta' Ġunju 2023, ANAS, C-545/21, EU:C:2023:451, punt 31).

51 Tali interpretazzjoni tikkontribwixxi għall-protezzjoni effikaċi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif ukoll għall-garanzija tal-effett utli tar-Regolament Nru 2988/95. Fil-fatt, mit-tielet u r-raba' premessi ta' dan ir-regolament jirriżulta li dan huwa intiż li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni "fl-oqsma kollha" u li jistabbilixxi "sett ta' regoli legali komuni għall-oqsma kollha koperti mill-politika tal-[Unjoni]". Mill-Artikolu 2(1) tal-imsemmi regolament jirriżulta wkoll li l-kontrolli, kif ukoll il-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi, jiġu introdotti sa fejn ikunu "neċessarji biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tal-liġi tal-[Unjoni]", liema artikolu mingħajr dubju jinkludi r-regoli ta' għoti tal-kuntratti pubbliċi.

52 L-għan ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li r-Regolament Nru 2988/95 għandu l-intenzjoni li jilħaq, jikkonferma li l-Artikolu 4(3) ta' dan ir-regolament għandu jiġi applikat, mingħajr ma jkun neċessarju li tiġi adottata leġiżlazzjoni settorjali, biex jiġi evitat ir-riskju li jiġu pparalizzati l-possibbiltajiet ta' azzjoni tal-Unjoni bil-għan tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tagħha.

53 Min-naħa l-oħra, meta l-leġiżlatur tal-Unjoni għażel li joħloq, f'leġiżlazzjoni ġenerali oħra jew f'leġiżlazzjoni settorjali oħra, obbligu ta' rkupru tal-fondi użati ħażin jew miksuba b'mod irregolari, hija dik il-leġiżlazzjoni li tikkostitwixxi l-bażi legali rilevanti għall-finijiet tal-irkupru ta' dawn il-fondi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, Chambre de commerce et d'industrie de l'Indre, C-465/10, EU:C:2011:867, punt 33, u tat-18 ta' Diċembru 2014, Somvao, C-599/13, EU:C:2014:2462, punt 37).

54 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-ħames premessa tar-Regolament Nru 2988/95 ma tistax tinqara fis-sens li l-Unjoni għandha l-obbligu li tadotta leġiżlazzjoni settorjali sabiex tapplika l-miżuri amministrattivi previsti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament. Effettivament tali obbligu huwa meħtieġ biss fir-rigward tas-sanzjonijiet amministrattivi msemmija fl-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament. Madankollu l-Unjoni żżomm il-fakultà li tipprevedi regoli relatati mal-miżuri amministrattivi fil-leġiżlazzjonijiet settorjali li hija tadotta.

55 Barra minn hekk, il-fatt li l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2988/95 ma japplikax direttament għal operatur ekonomiku li wettaq irregolarità, fis-sens tal-Artikolu 1(2) ta' dan ir-regolament, hija preċiżament minħabba li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi, awtorizzata minn dan l-Artikolu 5, hija, min-naħa tagħha, suġġetta għall-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Ottubru 2010, SGS Belgium *et*, C-367/09, EU:C:2010:648, punti 39, 43 u 61, kif ukoll tat-13 ta' Diċembru 2012, FranceAgriMer, C-670/11, EU:C:2012:807, punti 61 u 62).

56 Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ddeċidiet, fil-punt 65 tas-sentenza appellata, li r-Regolament Nru 2988/95 ma jistax jikkostitwixxi, waħdu, il-bażi legali rilevanti biex jiġu adottati miżuri amministrattivi intiżi għall-irkupru ta' ammonti rċevuti indebitament.

57 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni tikkontesta l-punt 67 tas-sentenza appellata, sa fejn fiha l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament ma jippreċiżax il-kategorija ta' atturi li għandhom ikunu suġġetti għal miżura amministrattiva.

58 F'dan ir-rigward, mit-tieni sentenza tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95 jirriżulta li l-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi tal-Unjoni "[j]istgħu japplikaw […] għal persuni li jkunu ħadu sehem fl-irregolarità jew li huma fid-dover li jieħdu r-responsabbiltà għall-irregolarità jew li jiżguraw li din ma ssirx".

59 Il-possibbiltà hekk miftuħa f'din id-dispożizzjoni tikkontribwixxi għat-twettiq tal-għan ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari meta l-benefiċjarju jkun persuna ġuridika li ma teżistix iktar jew ma jkollux riżorsi suffiċjenti biex jirrimborsa l-ammonti inkwistjoni. Din l-interpretazzjoni hija ġġustifikata, b'mod iktar partikolari, fid-dawl tal-għan ta' effikaċja tal-ġlieda kontra l-frodi, imsemmi fir-raba' premessa tar-Regolament Nru 2988/95 (sentenza tad-29 ta' Frar 2024, Eesti Vabariik (Põllumajanduse Registrite ja Informatsiooni Amet), C-437/22, EU:C:2024:176, punt 53).

60 F'dan il-każ, il-Kummissjoni ssostni li PB pparteċipa f'irregolaritajiet, fis-sens tal-Artikolu 1(2) ta' dan ir-regolament, b'mod partikolari fil-kuntest tal-koordinazzjoni ta' dawn l-irregolaritajiet u tar-redazzjoni ta' posta elettronika jew ukoll billi kkondivida ikliet ma' membru tal-kumitat ta' evalwazzjoni tal-offerti. Dan premess, jekk jitqies li dawn il-fatti seħħew, PB missu, fil-kapaċità tiegħu bħala amministratur tal-kumpannija koordinatriċi, mhux biss qagħad lura milli jieħu

sehem f'tali irregolaritajiet, iżda missu wkoll ħares li dawn ma jitwettqux. Konsegwentement, l-azzjonijiet ta' PB kienu koperti mid-dispożizzjonijiet tat-tieni sentenza tal-Artikolu 7 tal-imsemmi regolament.

61 Għalhekk, dejjem jekk jitqies li l-fatti seħħew, il-Kummissjoni kellha dritt li tiddikjara lil PB responsabbli *in solidum* mal-kumpannija koordinatriċi għall-ħlas tal-ammonti rċevuti indebitament minn din il-kumpannija għaż-żewġ kuntratti pubbliċi inkwistjoni billi bbażat id-deċiżjoni kontenzjuża biss fuq l-Artikoli 4 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95.

62 Barra minn hekk, kif sostniet ġustament il-Kummissjoni, mill-Artikolu 322(1)(a) TFUE jirriżulta li r-Regolament Finanzjarju tal-2002 jikkostitwixxi leġiżlazzjoni ġenerali relatata mal-eżekuzzjoni tal-baġit u mhux leġiżlazzjoni settorjali li għandha tieħu preċedenza fuq il-leġiżlazzjoni ġenerali kkostitwita mir-Regolament Nru 2988/95. Il-fatt li dan ir-regolament finanzjarju jirreferi biss għall-parti kontraenti tal-Unjoni ma jagħmel ebda differenza.

63 Din il-konklużjoni tapplika wkoll għar-Regolament Finanzjarju tal-2002, kif emendat bir-Regolament Nru 1995/2006, li kien applikabbli fir-rigward tal-parti tad-deċiżjoni kontenzjuża li tordna lil PB jirrimborsa l-pagamenti li l-Kummissjoni tqis li tħallsu indebitament lill-kumpannija koordinatriċi bis-saħħa tal-kuntratt konkluż fl-2008 b'konsegwenza tat-tieni kuntratt pubbliku.

64 Barra minn hekk, fid-dawl tal-għan trasversali ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni li għandu jintlaħaq mir-Regolament Nru 2988/95, imfakkar fil-punt 51 ta' din is-sentenza, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju tal-2002 kif ukoll it-tielet paragrafu tal-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju tal-2002, kif emendat bir-Regolament Nru 1995/2006, għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95.

65 Għaldaqstant it-tieni paragrafu tal-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju tal-2002, moqri flimkien mal-Artikolu 1(2) kif ukoll mal-Artikoli 4 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95, għandu jitqies li jippermetti lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jindirizzaw lilhom infushom, bil-għan li jiksbu r-restituzzjoni ta' ammonti mħallsa indebitament, lill-persuni marbuta mal-parti kontraenti li pparteċipaw, waqt il-proċedura ta' għoti ta' kuntratt jew waqt l-eżekuzzjoni tiegħu, għat-twettiq ta' irregolaritajiet, iżda wkoll lill-persuni li għandhom iwieġbu għal dawn l-irregolaritajiet u lill-persuni li kellhom iħarsu biex l-imsemmija irregolaritajiet ma jitwettqux.

66 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat, fil-punt 69 tas-sentenza appellata, li l-applikazzjoni konġunta tal-Artikoli 4 u 7 ta' dan ir-regolament kif ukoll tal-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju tal-2002 ma kinitx tippermetti li tiġi adottata miżura amministrattiva fir-rigward ta' PB.

67 Għaldaqstant l-aggravju uniku mqajjem mill-Kummissjoni insostenn tal-appell tagħha għandu jintlaqa' u, għaldaqstant, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

68 Konformement mat-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fil-każ li tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, taqta' l-kawża b'mod definittiv hija stess meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

69 Dan ma huwiex il-każ hawnhekk.

70 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex l-elementi neċessarji sabiex tiddeċiedi l-appell b'mod definittiv u li huwa intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.

71 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tilwima ma hijiex fi stat li tiġi deċiża. Konsegwentement, jeħtieġ li l-kawża, sa fejn din tirrigwarda l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, terġa' tintbagħat quddiem il-Qorti Ġenerali.

72 Min-naħa l-oħra, il-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata, li skontu l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' PB għall-kumplament u li ma kienx suġġett għal appell, huwa mogħni bl-awtorità ta' *res judicata*, minkejja l-annullament parzjali ta' din is-sentenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Fútbol Club Barcelona, C-362/19 P, EU:C:2021:169, punti 109 u 110).

Fuq l-ispejjeż

73 Peress li l-kawża ntbagħtet lura quddiem il-Qorti Ġenerali, jeħtieġ li l-ispejjeż relatati ma' dan l-appell jiġu rriżervati.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Settembru 2022, PB vs Il-Kummissjoni (T-775/20, EU:T:2022:542) hija annullata.

2) Il-Kawża T-775/20, sa fejn din tirrigwarda l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 7151 final tat-22 ta' Ottubru 2020 dwar l-applikazzjoni ta' miżura amministrattiva kontra l-amministratur tal-kumpannija [Kunfidenzjali], intiża biex jittieħdu lura mingħandu l-ammonti mħallsa indebitament abbażi tal-kuntratti TACIS/2006/101-510 u CARDS/2008/166-429, għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Firem